MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 184/2003

**Sterling Car Rentals Limited**

**Vs**

**Noel Calleja u b'digriet tat-28 ta Frar 2005 wara l-isem tal-konvenut zdiedu l-kliem f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta Euro Equipdata Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta Jannar 2003, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf erba mija u erbgha u tmenin lira u hdax il-centezmu (LM1484.11) dovuta bhala prezz ta kiri ta vettura u diesel moghtija lilhom mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghhom.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 18 ta Lulju 2002 u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Noel Calleja prezentata fis-26 ta Marzu 2003 fejn kkontesta it-talba attrici stante li 1) Bl-azzjoni tal-attrici gew kawzati danni lill-konvenut 2) li s-socjeta attrici hadet xi effetti personali lill-konvenut, u 3) li s-socjeta attrici kisret il-ftehim dwar il-kiri ta l-karozza 4) b'riserva ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut Noel Calleja prezentata fl-istess risposta tieghu fejn talab lill-attur jigi kkundannat ihallsu s-somma ta tmien mija u tnejn u disghin lira bhala danni minnu sofferti meta s-socjeta attrici hadet abbusivament u illegalment il-vettura numru ta registrazzjoni INR 475.

Ra r-risposta tas-socjeta attrici ghal kontro-talba prezentata fil-11 ta Settembru 2003 fejn stqarret li ebda ammont ma hu dovut lill-konvenut ghal danni allegati oltre li l-ammont mitlub huwa eccesiv apparti li ghad irid jaghti rendikont tal-istess danni pretizi.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra x-xhieda u dokumenti prodotti mis-socjeta attrici fosthom dik ta James Mallia u tad-dokumenti minnu esebiti u ta Charles Mifsud oltre dik tal-konvenut u l-kontro-ezami tieghu.

Ikkunsidrat.

Jirrizulta li bejn il-kontendenti kien hemm relazzjoni ta xoghol fis-sens li l-atturi kienu jikru karozza u jipprovdu fuel lill-konveut liema arrangament kien sar bil-fomm u l-konvenut kien intrabat li jhallas kul xahar b'lura. Ir-rata mensili miftiehma kienet ta madwar Lm200 oltre l-VAT. F'xi zmien inqalghet problema bejniethom peress illi l-konvenut beda ma jhallasx il-kontijiet minnu dovuta ghal tali servizz u ghalhekk f'mument minnhom l-atturi qabbdu u gabru l-vettura taghhom lura. Gew esebiti statement u l-invoices relattivi tal-ammont reklamat mill-atturi mmarkati bhala Dok JM1 sa JM16. Ic-chits relattivi ghal fuel iffirmati mill-konvenut jinsabu esebiti u mmarkati bhala Dok CM1 sa CM6. Huwa ammess mill-istess socjeta attrici li fil-

vettura mikrija kien ghad hemm xi effetti personali tal-konvenut.

Skond il-konvenut, huwa jsostni li l-kirja in kwistjoni kienet saret mis-socjeta konvenuta EuroEquip Company Limited u mhux minnu di proprio u jallega li tali ftehim kien bil-miktub tant li huwa ffirma f'isem l-istess socjeta kummercjali. L-atturi kienu konsapevoli ta dan il-fatt tant illi l-invoices minnhom esebiti Dok JM2 et seq kienu ndirizzati proprja f'isem l-imsemmija socjeta li aktar tard f'dawn il-proceduri giet msejha fil-kawza bhala konvenuta wkoll. Il-konvenut jikkonferma li l-ftehim formali kien ghal perjodu ta hames snin bir-rata ta Lm200 fix-xahar normalment pagabbli kul sitt xhur. Ighid illi f'gurnata minnhom meta kien miftiehem li sejjer ihallas dak minnu dovut, huwa ma sabx il-vettura tieghu f'postha u ghamel rapport l-ghassa. Fiz-zmien meta hadu l-vettura, l-konvenut jallega li kellu jtihom Lm600. Jallega wkoll li tilef 15 il-jum xoghol fuq is-set tal-film Julius Caesar ghax kien wasal tard. Ighid ukoll li kien ihallas puntwalment. A fol 61 tal-process jinsab il-prospett tad-danni reklamati mill-konvenut di proprio.

Fuq ix-xhieda u provi prodotti kif hawn fuq spjegat, it-Tribunal jinnota s-segwenti:-

1. Is-socjeta konvenuta baqghet ma resqet ebda eccezzjonijiet ghat-talba tal-atturi;
2. Il-konvenuti baqghu ma resqu ebda provi ulterjuri oltre ghax-xhieda ta Noel Calleja u l-prospett minnu esebit;
3. Il-konvenut baqa ma ressaq ebda prova korrobatorja jew ulterjuri in sostenn kemm tar-risposta tieghu u kif ukoll tal-kontro-talba bhal per ezempju a) Kopja tal-ftehim tal-kirja; b) xi prova dwar it-telf tax-xoghol da parti mis-set tal-film; c) prova tal-valur tal-oggetti personali tieghu;
4. Illi hemm nuqqas ta nexus bejn l-allegat telf tax-xoghol tal-konvenut u l-azzjoni tal-atturi oltre jigi rimarkat li l-konvenut huwa legalment obbligat li jimminimizza d-danni;
5. Illi ghalkemm huwa minnu li l-invoices tal-kera huma ndirizzati wkoll lis-socjeta konvenuta, hemm indikat ukoll

isem il-konvenut di proprio u mhux bhala ghan-nom tal-kumpanija. Illi ghalhekk dawn l-invoices jistghu jigu nterpretati b'diversi modi u cioe sew li jinsabu ndirizzati lit-tnejn u sew li jinsabu ndirizzati lill-konvenut di proprio mibghuta fl-indirizz tas-socjeta konvenuta u sew li l-konvenut kien qed jigi ndirizzat f'isem is-socjeta konvenuta.

6. Illi madankollu ic-chits tal-fuel jinsabu ffirmati mill-konvenut di proprio u ma hemm ebda referenza ghal xi socjeta kummercjali;

7. Illi inoltre jigi rilevat ukoll li l-konvenut qieghed jammetti li ghandu jhallas is-somma ta Lm600 bhala arretrati;

8. Illi filwaqt li fil-kontro-talba tieghu il-konvenut jaghmel referenza ghal vettura numru INR 475 fil-fatt jirrizulta anke mill-firem tieghu stess fuq ic-chits tad-diesel li l-vettura mikrija kienet INR 537;

9. Illi dwar l-effetti personali tieghu huwa kellu kul ighid li jaghmel talba quddiem il-Qorti kompetenti ghal ripresa taghhom u fin-nuqqas jitlob il-valur taghhom pero huwa naqas li jaghmel tali procedura u minnflok ghadda biex talab mill-ewwel il-valur taghhom f'din il-procedura.

10. Illi jigi rilevat ukoll li fil-kummerc hemm il-principju tas-solidarjeta f'nuqqas ta prova kuntrarja;

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut, jilqa t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta' elf erba mija erbgha u tmenin lira hdax il-centezmu (Lm1484.11) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------